www.santamarija.com

# Festa Titulari
# Santa Marija, Mqabba 2013



# Programmm Vokali u Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V

## *Is-Sibt 10 t'Awwissu 2013*

***Taħt il-Patroċinju tal– W.R. Kappillan ta' l-Imqabba***
***Kan. Dun Ġorġ Spiteri***

## 90 sena mill-pedestall ta' l-inkurunazzjoni:



Il-pedestall ta' l-inkurunazzjoni huwa opra majestuża li jagħmel parti mill-armar li jintrama kull sena fil-pjazza ta' l-Imqabba waqt il-festi esterni f'ġieħ il-Patruna tar-raħal Santa Marija. Din l-opra żżanżet fil-festa ta' l-1923, żmien meta s-Soċjeta' ħadmet bis-sħiħ biex l-armar fil-festa ta' Santa Marija jiżdied. Fuqu jintramaw id-diversi statwi li jirrappreżentaw nisa msemmija fil-bibbja u fil-parti ta' fuq lill-Madonna u l-Inkurunazzjoni tagħHa, wara t-tlugħ fis-sema. Għalkemm għadda dan iż-żmien kollu, b'unur kbir ngħidu u niftaħru li, għajr għaż-żebgħa tiegħu, dan il-pedestall tal-Inkurunazzjoni flimkien mal-istatwi tiegħu għadu strutturalment bla mittiefes u fl-istat oriġinali tiegħu. Id-disinjatur tal-Pedestall kien Abram Gatt, filwaqt li x-xogħol kollu, apparti dak fuq l-iskultura u l-istatwi sar kollu minn partitarji fi ħdan is-Soċjeta'. Din il-biċċa armar imponenti u artistika nħadmet kollha fil-każin l-antik li dak iż-żmien kien bieb ma' bieb ma' dak li għandna llum. Din l-opra artistika hija maħduma b'mod inġenjuż f'għadd ta' biċċiet li jingħaqdu bi preċiżjoni liema bħala, biex meta tkun armata togħla b'aktar minn żewġ sulari.

## 50 sena mit-tberik tal-post tan-nar:

Din is-sena jaħbat għeluq il-ħamsin sena mit-tberik u l-ftuħ tal-fabbrika tan-nar li s-Soċjeta' għandha llum f'Ta' Kandja, issa limiti tas-Siġġiewi imma dari limiti tal-Imqabba, li sar f'April tal-1963. Din il-fabbrika tan-nar hi l-post fejn sar il-logħob tan-nar li matul dawn is-snin żviluppa ħafna b'mod li jagħti pjaċir lill-Maltin u l-barranin li jżuruna fil-festa tar-raħal tagħna u wkoll li ġab għall-Imqabba, għall-festa tagħha u għal Malta r-rebħ ta' unuri nazzjonali u internazzjonali. Il-post tan-nar, li tbierek fit-30 t'April 1963 jinsab mibni fuq art mixtrija mis-Soċjeta' fil-bidu tas-snin 60 u li tinsab fil-limiti tas-Siġġiewi, fl-inħawi ta' Kandja. Minn dak iż-żmien sal-lum il-post ġie modernizzat permezz ta' aktar imħażen u kmamar għal aktar kumdità u sigurtà tad-dilettanti tan-nar. Iddaħħlu wkoll metodi innovattivi ta' xogħol u kimiċi ġodda biex tkompli tiżdied is-sigurtà. Bil-logħob tan-nar li ħareġ mill-post tan-nar li żżanżan ħamsin sena ilu, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba saret mhux biss magħrufa għal-logħob tan-nar u mistiedna tagħti wirjiet fuq livell nazzjonali, imma saret ukoll rebbieħa fih kemm f'Malta kif ukoll barra. Hekk insemmu illi fl-2005 l-Għaqda tan-nar Santa Marija tat spettaklu waqt ċena mogħtija mir-Reġina Eliżabetta II lill-mexxejja tal-*Commonwealth* f'Malta; Fl-2006 l-Għaqda kienet ir-rebbieħa assoluta fl-ewwel festival Internazzjonali Malti tan-nar ta' l-ajru; Sena wara saret ir-rebbieħa assoluta tal-Kampjonat Dinji tan-nar ta' l-ajru *Caput Lucis* ġewwa l-Italja; Fl-2010 l-Għaqda tan-nar rebħet il-Festival Nazzjonali tan-Nar ta' l-Art li jsir fil-Furjana.

# Festa Titulari ta' Santa Marija
## fl-Imqabba mit-30 ta' Lulju sat-22 t'Awwissu 2013

### 20 Sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija:

Kien fl-1993 meta l-Kumitat ħass il-ħtieġa li titwaqqaf is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fi ħdan is-Soċjeta'. L-ewwel kumitat ġie ffurmat f'Ottubru ta' l-1993 u l-inawgurazzjoni saret aktar tard fl-istess sena, eżatt fil-15 ta' Diċembru 1993. L-ewwel snin servew sabiex is-Sezzjoni Żgħażagħ tissawwar. Saret ħidma sabiex aktar żgħażagħ jinġibdu aktar lejn il-każin. Dan permezz ta' attivitajiet innovattivi immirati l-aktar lejn il-ġenerazzjoni żgħażugħa u intiżi sabiex iż-żgħażagħ jagħrfu aktar l-importanza tagħhom fil-ħajja tas-Soċjeta'. B'dan il-għan milħuq is-Sezzjoni Żgħażagħ saret fergħa ferm importanti fi ħdan is-Soċjeta'. Bil-ħila tas-Sezzjoni Żgħażagħ il-festa ingħatat spinta 'l quddiem fejn jidħol armar u briju organizzat. Is-Sezzjoni Żgħażagħ bdiet tagħti wkoll spinta lill-ħajja tas-Soċjeta' matul is-sena permezz ta' attivitajiet fuq skala kemm lokali kif ukoll nazzjonali. Aktar 'il quddiem is-Sezzjoni Żgħażagħ fetħet ukoll ħidmietha fuq skala internazzjonali permezz ta' Skambju ma' grupp ta' Żgħażagħ Taljani bejn l-2005 u l-2006. Il -ħidma tas-Sezzjoni Żgħżażagħ sa mill-ewwel snin tal-ħidma tagħha ġiet saħansitra rikonoxxuta kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll saħansitra fuq livelli Internazzjonali. Hawn insemmu r-rikonoxximent lill-Każin tal-Banda bl-akbar ammont ta' donaturi tad-demm, il-Premju 'Artiġġjanat Malti', ir-Rekord Nazzjonali għall-akbar Presepju Ħaj, l-Etoile d'Or du Jumelage, kif ukoll suċċessi fil-kompetizzjoni nazzjonali għall-isbaħ presepju ħaj ġewwa l-gzejjer Maltin.

### 15 il-sena mill-Etoile d'Or du Jumelage:



Kien fl-1996 meta nbeda ġemellaġġ storiku bejn is-Soċjeta' Santa Marija u Għaqda Mużikali minn ġewwa l-Provinċja ta' Ascoli Piceno l-Italja. Żewġ azzjonijiet li saru bħala parti minn dan il-ġemellaġġ kien skambju ta' żjarat mill-baned Re Ġorġ V ta' l-Imqabba u l-Banda Taljana Corpo Bandistico Santa Vittoria in Matenano, bejn l-1996 u l-1997. Wara rapporti u analiżi ta' x'sar b'risq l-Għaqda fl-Ewropa li ntbagħtu għand il-Kummissjoni Ewropeja wara dawn l-azzjonijiet, fl-1998 is-Soċjeta' giet infurmata li l-azzjonijiet ġew ippremjati bl-unur *Etoile d'Or du Jumelage*, li tfisser 'Stilla tad-deheb għall-Ġemellaġġ'. L-unur kien ingħata f'Novembru ta' l-1998 liż-żewġ Soċjetajiet Mużikali waqt ċerimonja ġewwa Ferrara l-Italja. Il-ġemellaġġ kien wieħed fost 4000 ġemellaġġ evalwati u kien fost 10 li ġew ippremjati. Is-Soċjeta' tagħna tħossha kburija illi għamlet dan l-unur uniku lil raħalna u li kienet l-entita' ewlenija li rċeviet dan l-unur f'isem Malta u Għawdex.

# Programm
# Vokali u Strumentali

| | | |
|---|---|---|
| Innu tal-Imqabba | **Lil Raħal Twelidi** | Anthony Camilleri |
| Omaggio | **Al Circolo Re Giorgo V - A.D. 1910** | David Agius |
| Selection | **Operetta che Passione II** | Arr. Luciano Apap |
| Excerpts | **Shadows of the Pyramids** | David Marlatt |
| Song | **Ai Se Eu Te Pega**<br>Jidderieġi: Mro. Gordon Mayer | S. Acioly, Arcoverde<br>(Arr. F. Bernaer) |
| Song | **He**<br>Tkanta: Eleanor Cassar | Siegel, O' Flynn<br>(Arr. P. Schembri) |
| Medley | **Paul Anka in Concert** | Arr. Patrick Cutajar |
| Song | **Bohemian Raphsody** | Freddie Mercury<br>(Arr. Paul Murthi) |
| Song | **Skyfall**<br>Tkanta: Eleanor Cassar | Paul Epworth<br>(Arr. Ray Zammit) |

**Inawgurazzjoni taċ-Ċentru Artistiku fis-Sala Prinċipali tal-Każin**

| | | |
|---|---|---|
| Waltzer | **The Second Waltz** | D. Shostakovich<br>(Arr. Mario Testa) |
| Selection | **Bon Jovi Mix** | Arr. Wolfgang<br>Wossner |

**Diskorsi ta' l-okkażjoni u Preżentazzjonijiet**

| | | |
|---|---|---|
| Innu | **Marija Assunta** | Leonard Farrugia |
| Innu | **Banda Re Ġorġ V** | Anthony Camilleri |

**Surmast Direttur:** Mro. David Agius A. Mus. (L.C.M.), A. Mus. (V.C.M.) Hons., A.L.C.M.
**Asst. Surmast Direttur:** Mro. Gordon Mayer A.T.C.L.

**Jippreżentaw:** Sinjura Remenda Borg Grech u Sur Robert Cremona

*Flyer design: Alfred Galea - 2013*